Kunsill Lokali
Għajnsielem

MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

IT-TMIEN KUNSILL

SEDUTA NRU. 17- It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill nhar it-Tlieta 20 t'Ottubru 2020 fl-16:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| **Skuzata:** | Loredana Agius | Ambaxxattriċi |

**17.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.**

**17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

17.2.1 Inqraw il-minuti u ġew ikkonfermati.

**17.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

17.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 17.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

17.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall- AED li ġiet mogħtija lilna mir-Reġjun Għawdex. Huwa talab il-proposti tal-kunsilliera fejn għandha teħel. Ġie propost li għandna nwaħħluha qrib il-Knisja ta' Sant'Antnin. Sar qbil li għandna nibgħatu email lill-gwardjan biex ninfurmawh b'dan.

17.4.2 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal-laqgħa li kellna bħala Kunsill sħiħ flimkien mal-Perit Edward Scerri u ma' rappreżentanti mill-Ministeru tal-Ambjent f'Malta rigward Ta' Passi . Huwa rrefera għal din il-laqgħa bħala waħda pożittiva ħafna. Issa qed nistennew li nkomplu bil-laqghat billi nidħlu aktar fid-dettalji billi nkomplu niddiskutu pjan ħolistiku għal dan il-post.

17.4.3 Is-Sindku rrefera għall-appell tal-applikazzjoni tax-Sheep farm u li s-seduta li jmiss hija fl-1 ta' Diċembru 2020.

17.4.4 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għat-Triq tax-Xatt l-Aħmar u għal fatt jekk għandniex inħalluha One Way bħalma kienet għax-xhur tas-sajf. Ġie diskuss il-fatt li fis-sajf tintuża minn ħafna aktar nies mentri fix-xitwa il-prijorita hi għall-bdiewa. Sar qbil li għalissa ħa nħalluha kif inhi u nirreveduha ftit xhur oħra u li sadanittant għandna nieħdu l-feedback mir-residenti.

17.4.5 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera b'sodisfazzjon għar-rebħ ta' runners up għall-Premju NESA Award 2020 u ta' dan irbaħna is-somma ta' €8000. Is-Sindku propona li dawn il-flus għandhom jintużaw għat-tisbieħ tal-Belvedere ta' Sant'Eliju.

17.4.6 Is-Sindku rrefera għall-online national conference li attenda għaliha rigward il-Biedja u Sajd u matulha ġabu feature fuq il-Cat Shelters tagħna biex inħajjruhom jagħmlu bħalhom. Huwa kkunsidra dan il-feature bħal ta' unur għar-raħal tagħna.

17.4.7 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għad-draft ta' Bye law għal Għawdex imnedija minn Regjun Għawdex rigward l-inkonvenjenza u skart industrijali. Sar qbil li għandna nħallu f'idejn ir-Reġjun Għawdex rigward dan.

17.4.8 Is-Sindku rrefera wkoll għal rampa li hija meħtieġa ssir fi Triq Wied Rgħajjes flok bollard kif konna ftehmna fl-aħħar laqgħa. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rampa.

## 17.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

17.5.1 Ġiet trattata il-proposta tal-Kunsillier Larry Buttigieg li propona sabiex bħala Kunsill nibgħatu bukkett fjuri lill-qraba ta' l-Onor Frederick Azzopardi. Sar qbil li peress li talbu li minflok fjuri għandhom jingħataw donazzjonijiet lil xi għaqdiet għandna nibghatu donazzjoni ta' €30 u nibgħatulhom ittra ta kondoljanzi.

17.5.2 Il-kunsillier Larry Buttigieg fakkar sabiex nagħmlu bozza jew fanal ġdid fi Sqaq numru 2 fi Triq Għajnsielem. Sar qbil li għandna niċċekjaw jekk jistax isir fanal minflok bozza u mmexxu minn hemm.

17.5.3 Il-Kunsillier Larry Buttigieg irrefera għal fatt li fl-għeluq il-100 sena tiegħu l-Partit Laburista ser iħawwel siġra f'kull lokalita'. Huwa talab il-proposta tal-Kunsill fejn ser titħawwel din is-siġra. Sar qbil li din għandha titħawwel fil-ġnien ta' quddiem il-Kunsill.

17.5.4 Il-kunsillier Stephen Mercieca rringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsill tal-mod professjonali li bih inżamm l-iżbir tas-siġar fil-Pjazza tad-Dehra. Is-Sindku rrefera għall-permessi miksuba u għall-proċess ta' *mulch* li sar għall-ewwel darba f'Għawdex, dik li miz-zkuk ergajna qed nipprovdu n-nutrienti lis-siġar tagħna fejn ġew imqassma f'diversi siti.

17.5.5 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrefera għall-importanza storika li għandu x-shelter tal-Għajn tal-Hasselin u dwar l-importanza li għandna ngħaddu din l-istorja lit-tfal tagħna billi nispjegawlhom l-istorja tar-raħal.

17.5.6 Il-kunsillier Stephen Mercieca sssugerixxa li fil-bidu ta' Dun Speditu Tabone, fil-parti d-dejqa, ssir *double yellow lines* peress li jekk isir parkeġġ qed jimblokka t-triq. Sar qbil dwar dan.

17.5.7 Il-kunsillier Teddy Saliba ringrazzjament lil kunsill tat-*trimming* tas-siġra ta' Triq iż-Żewwieqa. Minn naħa tiegħu staqsa f'hiex wasal it-twaħħil tal-bankijiet f'din l-istess żona u jekk il-proġett tal-mosaic f'dan is-sit għadux fis-seħħ. Is-Sindku wieġbu li l-bankijiet waslu u ser jitwaħħlu fil-jiem li ġejjin. Bħala proġett mistenni li jinbeda għal Novembru.

17.5.8 Il-kunsillier Teddy Saliba staqsa jekk din is-sena, minkejja li mhux ser issir l-attivita' tal-Halloween, hux ser isir xi tiżjin relatat ma' din it-tema. Sar qbil li għandna nżejjnu l-entratura tal-iskola u quddiem il-Kunsill u għandna nikkonfermaw mal-Kap tal-Iskola jekk nistgħux inqassmu xi borża ħelu lit-tfal.

17.5.9 Il-kunsillier Teddy Saliba, bħala membru attiv fl-Għaqda Ħbieb tal-Presepju hemm ħsieb li minkejja l-pandemija xorta ser jsiru xi esibizzjonijiet tal-presepji. Sar qbil li bħala Kunsill għandna ngħinuhom b'xi mod f'din l-organizazzjoni.

17.5.10 Il-kunsillier Larry Buttigieg staqsa dwar f'hiex waslet it-talba li ressaqna sabiex is-*savings* li kien hemm mill-proġett tal-Mizura 4.4 tal-ħitan tas-sejjieħ. Is-Sindku spjega kif ressaqna t-talba u għadna qed nistennew l-approvazzjoni tagħha.

17.5.11 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura ressaq it-talba ta' residenta minn Triq Simirat peress li mit-triq tagħha qed jgħaddu ħafna vetturi bi *speed* eċċessiv fosthom it-trasport pubbliku. Hija talbet nistgħux nagħmlulha barrier mal-bankina tagħha. Sar qbil li għandna naraw x'nistgħu nagħmlu.

17.5.12 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għal ilmenti li rċieva rigward nuqqas ta' knis fi Triq Cordina u anke fi Triq il-Provigarju.

17.5.13 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għal laqgħa li kellu ma xi kumpanija li tixtieq tagħmel xi filming f'Bethlehem. Huwa iltaqa' magħhom fuq il-post u dawwarhom f'Ta' Passi. Huwa spjega kif dawn urew ix-xewqa li jiffilmjaw fi tlett weekends, u jridu jużaw xi kmamar.. Huwa spjega kif il-problema hi li fil-biċċa l-kbira minnhom huma mimlijin b'oġġtti u jinħtieġ li jitnaddfu specjalment il-kamra tal-mastrudaxxa

u tal-forn. Sar qbil li għandna noffrulhom sabiex possibilment jiġu jiffilmjaw f'Jannar biex il-post ikun imnaddaf.

17.5.14 Il-Viċi Sindku rrefera wkoll għall-mewt ħesrem tas-Sur Joseph Agius li kien jipparteċipa bħala ċ-Ċenturjun tar-Rumani fl-edizzjonijiet ta' Bethelhem f'Għajnsielem. Sar qbil li għandna nsellmu l-memorja tiegħu u nibgħatu ittra ta' kondoljanzi li għaqda Legio Fretensis.

## 17.7 Aktar proġetti żgħar u żoni ta' tisbieħ

17.7.1 Is-Sindku rrefera għal xi progetti zgħar ta' tisbieħ li għaddejjin bhalissa fosthom dak tal-bankina ta' quddiem iċ-Ċimiterju fejn kif spjega hu mix-xejn ħloqna rokna oħra ta' tisbih u mistrieħ fil-lokalita tagħna. Huwa spjega kif il-bankina saret mill-porfido li kien fadlilna mil-bankini li konna għamilna qabel. Sar qbil li l-bankina taċ-Ċimiteru għandha ssir ukoll.

17.7.2 Il-Kunsillier Teddy Saliba faħħar lill-ħaddiema tal-Kunsill u rringrazzjahom talli qed jaħdmu f'ko-ordinazzjoni għax ix-xogħolijiet qed iħallu r-riżultati mixtieqa.

17.7.3 Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk għandhiex issir planter fuq il-bankina l-ġdida ta' ħdejn iċ-ċimiterju u fiha nħawwlu xi fjuri li ma jinħtieġux ħafna ilma. Sar qbil li għandha ssir waħda kif ukoll jitpoġġa bin.

17.7.4 Progett ieħor ta' tisbih li għaddej bħalissa huwa dak ta' Triq Borg Għarib. Is-Sindku spjega kif ġew ordnati żewġ bankijiet blu biex ikunu jikkumplimentaw mad-disinn tal-mosaic. Spjega wkoll kif illum saret il-ħamrija u *mulch* f'din l-*area* u ser titħawwel xi tip ta vegetation li tikber taħt dak it-tip ta' siġar.

17.7.5 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera wkoll għal parti minn Triq il-Briegħen, fejn qed isir il-ħajt tas-sejjieħ fiż-żona magħrufa ħdejn it-Torri ta' Fantin, hemm biċċa li flok naghtuha cement, huwa propona li naqtgħu linja u ġo fiha nħawwlu ftit siġar taż-żebbbuġ u nagħmlu xi bankijiet taħthom. B'hekk inkunu qed noħolqu post ieħor rikreattiv u wkoll iservi bħala l-post fejn fih inpoġġu s-signage tar-reklamar tal-proġett tal-Miżuri 4.3 u 4.4.

17.7.6 Is-Sindku rrefera għall-proġett ieħor li kien approvat fil-laqgħat preċedenti dak tat-taraġ li minn Triq Hamri jagħti għal Triq Sant'Antnin ħdejn il-Grand Hotel. Inġabret stima ta' trevertine mingħand AF Ellis li tammonta għall-€3800 + VAT u €800 jekk niddeċiedu li jagħmlu l-installazzjoni tiegħu huma. L-istima tinkludi t-tarġa kif ukoll ir-riser. Sar qbil li għandna nordnaw u wkoll nikkuntatjaw lil Richard Cauchi minn qabel ħabba d-dawl meħtieġ u kif ser nikkonnettjawh .

17.7.7 Proġett ieħor ta' tisbiħ fi skala nazzjoni huwa dak ta' Park ġol-Masġar ta' Taħt Chambray. Sar qbil li ghandna nagħmlu stima u pjanti u ngħadduhom lill-Ministeru għal Għawdex biex ikun jista jiffinanzjalna dan il-proġett peress li jibbenifika minnu Għawdex kollu. Sar qbil li għandna ninkarigaw lill-Perit Alex Bigeni sabiex jippreparalna dawn il-pjanti.

17.7.8 Is-Sindku rrefera wkoll għall-proġett li sar riċentament fid-daħla tal-lokalita' tax-Xagħra billi ġew installati fanali sbieħ li huma *zero light pollution*. Huwa propona li

għandna nagħmlu proġett simili li għalih nistgħu nieħdu l-fondi sħah mill-UIF. Huwa propona li dan għandu jsir mid-daħla tal-kunsill sal-każin tal-banda billi nagħmlu l-bankini bil-porfido u nagħmlu dwal mill-ġdid. Sar qbil li għandna nipproċedu fuq din il-proposta. Il-Viċi Sindku talab sabiex jekk ser jinqalgħu l-bankini mportanti li jitbaxxew.

## 17.8 Arkata Storika – Wied l-Imġarr

17.8.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal-laqgħa li kellu fuq is-sit tal-arkata storika ta' Wied l-Imġarr flimkien mal-Perit Edward Xerri. Is-Sindku spjega kif prattikament l-EkoGħawdex ser inaddfu l-Wied il-Kbir mix-Xatt sal-Playing Field ta' Għajnsielem u sabiex jagħmlu dan kien jinħtieġ li jagħmlu studju ekoloġiku li sar mill-botaniku Stephen Mifsud. Is-Sindku esprima s-sodisfazzjon tiegħu li akkwistajna dan l-istudju li eventwalment ser jgħinna biex nirrestawraw l-arkata għax l-applikazzjoni dejjem weħlet għax kien jinħtieġ dan it-tip ta' studju u ma kellniex f'idejna. Ġietna tajjeb li sibna dan l-istudju lest u s-Sindku nforma lill-kunsillier li ser jiltaqa ma' dan il-botaniku fuq il-post biex jiddiskutu dan l-istudju.

## 17.9 Leasing ta' Truck

17.9.1 Għal-laqgħa kien preżenti is-Sur Justin Buttigieg mill-għaqda tal-Armar, Għajnsielem. Miegħu ġie diskuss l-użu tat-trakk tal-Għaqda mill-ħaddiema tagħna peress li t-trakk tagħna ma jiflaħx għal ċertu togħbija u strapazz. Ġiet diskussa proposta ta' leasing ta' dan it-trakk u fl-istess ħin inkunu qed ngħinu lill-għaqdiet tagħna. Sar qbil li għandna nħallsu s-somma ta' €1200 fis-sena kif ukoll inħallsu l-insurance u l-liċenzja tiegħu kif ukoll ta' xi ħsarat u manutenzjoni li jista jkollu bżonn minn żmien għal żmien.

17.9.2 Minn naħa tagħhom l-Għaqda tal-Armar ser jgħinu lill-Kunsill billi jarmaw l-arbli għat-tiżjin tal-Milied.

## 17.10 Applikazzjonijiet għall-iskemi mnedija

### 17.10.1 Finanzjament ta' Proġetti Kapitali, Aċċessibilita' u Mobilita' - Slow Streets

Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-applikazzjoniet li ħargu għal xi skemi mnedija mid-Direttorat tal-Kunsilli lokali bl-assistenza tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u li għalihom il-Kunsill ser ikun jista jissottometti l-applikazzjoniet tiegħu. L-ewwel skema hija dik ta' proġetti kapitali li jtejbu l-mobilita' u l-aċċessibita' tal-post. Huwa talab lil Kunsill jekk għandhomx xi proposta. Minn naħa tiegħu huwa propona sabiex intejbu l-aċċessibilita' fix-Xatt l-Aħmar billi ssir platform li anke jista jintuża għal wheelchair, boat mooring, kif ukoll intejbu u ntawwlu l-passaġġ li jagħti għal inħawi magħrufa bħala tal-Ingliżi . Sadanitant is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-*boat mooring* inħarġilha l-permess tal-Planning . Sar qbil ukoll li għal din l-iskema għandna napplikaw ukoll bil-proġett tal-*hydraulic bollards* fi Triq J F de Chambray sabiex inkunu konformi mal-Progett Slow Streets.

### 17.10.2 Finanzjament għall-krejazzjoni ta' Spazji Miftuħa

Is-Sindku rrefera għall-skema oħra mnedija mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dik ta' krejazzjoni ta' Spazji Miftuħa biex in-nies jissoċjalizzaw ma' xulxin. Huwa propona li għandna nwettqu xi proġett lejn l-area magħrufa tat-Torri billi nibdlu l-bankina kollha ta' Triq il-Qighan billi kull tant metri l-bankina toħroġ il-barra u fuqha noħolqu xi titjib bħalma huma open gym, aktar siġar, *bicycle lane* u wkoll ngħaqqdu din l-area ma' Triq il-Briegħen fil-kunċett ta' Slow Streets. . Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u sar qbil li għandna ninkarigaw lill-Perit Alex Bigeni b'dan il-proġett.

### 17.10.3 Manutenzjoni/Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri imwettqa mill-Gvern

Is-Sindku spjega kif għal din l-iskema rridu nipproponu xi manutenzjoni għal xi progett li kien wettaq il-gvern ċentrali u jinħtieġlu manutenzjoni. Ġie propost li ninkludu l-manutenzjoni meħtieġa tal-Belvedere tax-Xatt l-Aħmar. Il-Viċi Sindku Franco Ciangura propona wkoll nistgħux ninkludu l-latrina ta' taħt il-każin tal-Football.

## 17.11 Sistema ta' notifikazzjoni tal-avviżi għar-residenti

17.11.1 Is-Sindku Kevin Cauchi propona li għandna nniedu skema ta' avviżi tal-Kunsill li jintbgħatu b'sms. Sar qbil li għandna noħorġu avviż biex min hu nteressat li jibda jirċievi l-avviżi tal-Kunsill b'sms jgħaddilna n-numru tal-mobile tiegħu. Sar qbil li l-lista għandha tinżamm kunfidanzjalment u gżall-użu tal-avviżi tal-Kunsill biss.

## 17.12 Preżenza tal-Green Wardens

17.12.1 Is-Sindku rrefera għall-ħtieġa urġenti ta' *green wardens* anke jekk inhu meħtieg bi ħlas sabiex jispezzjonaw ċertu blokok ta' flats f'dak li huwa ħruġ ta' skart barra l-ħin. Din il-problema hija persistenti speċjalment f'ċertu blokok. Sar qbil li jekk inhu possibli għandna ninkarigaw żewġ *green wardens* sabiex isir xi infurzar.

## 17.13 Xiri ta' traffic barriers – St Eliju

17.13.1 Is-Sindku rrefera għall-ħtieġa ta' traffic barriers fl-ewwel parti tat-triq tax-Xatt l-Aħmar ħdejn il-Belvedere Sant'Eliju. Huwa semma' li ltaqa' ma' traffic barriers li huma *impact* u miksijin bl-injam. Huwa spjega li meta tlabna lill-agent ta' Malta tlabnih quotation għal 20 metru biss, peress li kwantita żghira ma kinux interessati. Is-Sindku rrefera għal websites barranin u ġab stima ta' madwar €2500. Il-Kunsill qabel li għandna nippreżentaw l-emails fejn għandna konferma li ma qdewniex aġenti lokali u b'hekk jiġi ġustifikat għaliex ma kellniex triq oħra għajr li nixtruhom mingħand aġent barra minn Malta.

## 17.14 Milied 2020 – Tiżjin, Attivitajiet u Bethlehem f'Għajnsielem

17.14.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li dan il-Milied ser ikun wieħed partikolari minħabba l-pandemija u għalhekk minħabba nuqqas ta' attivitajiet huwa propona li għandna ninvestu atar fit-tiżjin tal-Milied. Sar qbil li għandna noħorġu t-tender tas-soltu, u inżidu xi siti fosthom festun fi Pjazza Tolfa, indawwlu Christmas Tree fi Triq Cordina, nagħmlu festun madwar il-ġnien ta' quddiem il-Kunsill kif ukoll indawwlu s-siġar, nagħmlu xi ċfuf jixgħelu mal-fanali tal-Belvedere ta' Triq Hamri, nixgħelu s-siġar tal-Pjazza tad-Dehra u nagħmlu ballun kbir imdawwar bil-festuni fi Pjazza Indipendenza. Sar qbil li għandna nitolbu lill-Ministeru għal Għawdex biex jgħinna finanzjajament f'dan it-tiżjin.

17.14.2 Il-Kunsillier Teddy Saliba propona sabiex nagħmlu mixgħela tal-Milied fi Triq iż-Żewwieqa peress li malli l-vapur jasal Għawdex dak huwa l-ewwel sit li wieħed jara. Il-Viċi Sindku Franco Ciangura propona li għandna naghmlu talba sabiex issir projection bil-kliem Merry Christmas, Welcome to Gozo.

17.14.3 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura propona li għal European Waste Reduction kif ukoll bħala attrazzjoni unika għal Milied, għandna nagħmlu Christmas Tree kbira tal-ħadid u miksija bil-flixken tal-inbid għar-riċiklaġġ. Sar qbil li għandna nitolbu l-permess tal-parroċċa sabiex titpoġġa fil-Pjazza. Sar qbil li għandna nagħmlu talba lill-Ministeru għal Għawdex għal din l-attrazzjoni.

17.14.4 Is-Sindku rrefera għall-attivitajiet tal-Milied u li għal din is-sena minħabba l-imxija tal-Covid 19 ser ikunu limitati. Li jista jsir huwa l-għoti ta' Ġieh Għajnsielem, li nagħmluha fuq skala iżgħar u xi attivita' ta' żjajar lill-anzjani u xi għoti ta' tifkira lit-tfal. Dawn il-materja għandhom jerġgħu jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

17.14.5 Sar qbil li sabiex inżommu l-attivita' b'differenza f'Bethlehem f'Għajnsielem billi nagħmlu statwi fil-kmamar, issa huwa tard wisq u fiċ-ċirkustanzi li n-numru ta' każi huwa wieħed kbir ħafna ikun aktar għaqli li ma nagħmlux attivitajiet li jattiraw il-massa. Saret referenza wkoll għar-risk assesment tal-attivita' li r-riżultat tiegħu għadu mhux ippublikat peress li għadu mhux konkluż.

## 17.16 Approvazzjoni tal-Evaluation Report tal-Irrigation System

17.6.1 Is-Segretarja rreferiet għall-ftuħ tal-offerta u li għaliha tefgħuha 4 suppliers. L-evaluation Board iltaqa' biex jevalwa dawn l-offerti. L-orħos waħda hija ta' Richard Cauchi u jidher li kull supplier għandu r-requirements kollha meħtiega iżda kien hemm ħtiega ta' kjarifika li ntbaghtet lil kulħadd. Sar qbil li malli jidħlu l-clarifications għandna nimxu mal-konkluzzjoni tal-Bord biex issir l-approvazzjoni tiegħu.

## 17.17 Pjazza tad-Dehra – Aktar xogħolijiet u approvazzjoni tal-pagamenti

**17.7.1** Din il-materja ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 17.18 Materji oħra

17.18.1 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta biex il-bankina quddiem 61 Triq Benghazi issir b'rampa. Sar qbil ma' dan.

17.18.2 Ġiet trattata t-talba mingħand resident sabiex isiru double yellow lines fi Triq Benghazi kantuniera ma' Triq Dun Frangisk Mizzi. Sar qbil li dawn ghandhom isiru.

17.18.3 Ġiet trattata t-talba mingħand resident sabiex titnaddaf biċċa għalqa żgħira li ma tinħadimx fi Triq il-Qigħan faċċatta ta' fejn waħħalna il-hanger tal-iskart riċentament. Sar qbil li għandna nnaddfuh.

17.18.4 Ġiet trattata t-talba sabiex il-bozza numru 291 li qegħda fi Triq Hamri tinbidel għal waħda aktar qawwija.

17.18.5 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta biex terġa issir ir-road hump fi Triq Borg Għarib kantuniera ma' Triq Benghazi. L-istess residenta talbet ukoll biex teħel mera faċċatta

17.18.6 Ġiet trattata t-talba mingħand resident sabiex jingħata ftit cement fi Triq ta' Lambert fejn hemm is-siġar taż-żebbuġ. Il-Kunsill ma' qabilx ma din it-talba għax konkos diġa sar fejn stajna.

17.18.7 Ġiet trattata t-talba mingħand resident sabiex teħel mera fi Triq Borg Għarib faċċata tal-garages tagħhom peress li huwa ta' periklu biex joħorġu. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq din it-talba lill-Transport Malta.

17.18.8 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta li toqgħod fi Triq Sant' Antnin sabiex il-bozza ta' mar-residenza tagħha tiġi *shifted* għal fuq l-arblu li hemm viċin. Sar qbil li għandna ngħaddu t-talba lill-Enemalta.

17.18.9 Ġiet trattata t-talba mingħand id-Dipartiment tad-Dwana fl-Mgarr sabiex tibda tinġabar il-borża ta' l-iskart riċiklabbli. Hawnhekk saret referenza għall-problema tal-ġbir tal-iskart fl-Imġarr u li għandna tinżamm laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex fuq dan ir-rigward.

17.18.10 Ġiet trattata t-talba mingħand resident minn Triq Hamri sabiex issirlu rampa flok il-bankina

17.18.11 Ġiet trattata t-talba mingħand resident għal ftit cement fl-aħħar parti ta Triq il-Briegħen. Sar qbil li din it-talba hija ġustifikata u li għandna ngħaddu t-talba lic-CMU biex jagħmluha min-naħa tagħhom.

17.18.12 Ġiet trattata t-talba mingħand resident li joqgħod fi Triq Hamri sabiex tinbidel ir-road hump li hemm quddiem in-numru 123 mal-kantuniera, peress li spiċċat. Sar qbil li għandna naraw eżatt x'inhu meħtieġ u li nibdlu hu neċessarju.

17.18.13 Is-Sindku rrefera għal fatt li ħareġ l-permess tal-iżvilupp tal-librerija. Huwa spjega kif ix-xogħol mistenni jibda waqt il-vaganzi tal-Milied tat-tfal tal-iskola. Rigward il-proposta li jsir *bridge* li jgħaqqad il-librerija mal-Kunsill il-perit tagħna l-parir li nibdew ix-xogħol imbagħad jekk jinħass il-ħtieġa napplikaw għalih bħala emenda.

17.18.14 Saret referenza għall-ilment li daħlilna mill-Ministeru għal Għawdex rigward dgħajsa li hemm ipparkjata fi Sqaq numru 1 fi Triq Hamri u li qed timblokka l-entratura. Sar qbil li għandna nibgħatu lill-pulizija u lil-LESA biex jieħdu passi.

7.18.15 1Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għaċ-Ċerimonja tal-Vittmi tal-Gwerra. Sar qbil li għandna niċċekjaw mal-Arċipriet jekk hix ser issir xorta u filkaż nagħmlu ċ-ċerimonja qasira bħas-soltu billi nieħdu l-miżuri neċessarji tas-*social distancing*.

## 17.19 Approvazzjoni tal-Pagamenti

17.19.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti u ġew approvati.

## 17.20 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

17.20.1Il-laqgha intemmet fit-7:30pm u giet aggornata minghajr data għal-laqgħa li jmiss.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**